

Il-Ġurnal Uffiċjali C 444

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 63

22 ta' Diċembru 2020

Werrej

IV Informazzjoni

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2020/C 444/01	Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2020 li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew	1
---------------	---	---

Il-Kummissjoni Ewropea

2020/C 444/02	Rata tal-kambju tal-euro — Il-21 ta' Diċembru 2020	3
2020/C 444/03	Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU C 396, 30.12.2006) ⁽¹⁾	4
2020/C 444/04	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	5
2020/C 444/05	Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni	6

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

IV

*(Informazzjoni)*INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĠI U AĠENZIJI
TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

DEĊIŻJONI TAL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW

tas-16 ta' Diċembru 2020

li temenda l-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew

(2020/C 444/01)

IL-BUREAU TAL-PARLAMENT EWROPEW,

wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 223(2) tiegħu,

wara li kkunsidra l-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

wara li kkunsidra l-Artikolu 25 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Bi qbil mal-Artikolu 69(1) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾ ("il-Miżuri ta' Implimentazzjoni"), l-ammonti tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jistgħu jiġu rimborżati, l-allowance għas-sussistenza ta' kuljum u l-allowance għall-ispejjeż ġenerali jistgħu jiġu indiċizzati kull sena min-naħa tal-Bureau, sa żieda massima ugwali għar-rata ta' inflazzjoni annwali fl-Unjoni Ewropea f'Ottubru tas-sena ta' qabel, kif ippubblikat mill-Eurostat.
- (2) Ir-rata ta' inflazzjoni fl-Unjoni Ewropea għall-perjodu minn Ottubru 2019 sa Ottubru 2020, kif ġiet innotifikata mill-Eurostat fit-18 ta' Novembru 2020, hija 0,3 %. L-ammonti l-ġodda li jirriżultaw mill-aġġustament meħtieġ sabiex titqies ir-rata ta' inflazzjoni għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021 u l-Miżuri ta' Implimentazzjoni għandhom jiġu emendati konsegwentement.
- (3) Skont l-Artikolu 69(2) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, l-ammont massimu tal-ispejjeż għall-assistenza parlamentari li jistgħu jitħallsu fir-rigward tal-membri tal-istaff personali msemmija fl-Artikolu 33(4) tal-Miżuri ta' Implimentazzjoni, jekk ikun il-każ, għandu jiġu indiċizzati kull sena fuq il-bażi ta' data stabbilita b'applikazzjoni tal-Artikolu 65 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea stabbiliti mir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 ⁽³⁾.
- (4) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni stabbiliet li r-rata ta' aġġustament għall-2020 hija 0,7 %. Għaldaqstant, l-ammont massimu li jista' jitħallas fix-xahar għall-ispejjeż għall-assistenza parlamentari għandu jiżdied għal EUR 25 620 b'effett mill-1 ta' Lulju 2020.

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni 2005/684/KE, Euratom tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Settembru 2005 li tadotta l-istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU L 262, 7.10.2005, p. 1).

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Bureau tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Mejju u tad-9 ta' Lulju 2008 dwar miżuri ta' implimentazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU C 159, 13.7.2009, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 56, 4.3.1968, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Miżuri ta' Implimentazzjoni huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 20, paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(a) għall-parti tal-vjaġġ bejn 0 u 50 km: EUR 23,96;”;

(2) L-Artikolu 22 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-ammont massimu annwali li jista' jiġi rimborżat f'dak li għandu x'jaqsam mal-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jsiru fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 10(1), punt (b), għandu jkun EUR 4 517.”;

(b) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-ammont massimu annwali li jista' jiġi rimborżat għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar li jkunu effettivament inkorsi mill-presidenti ta' kumitati jew ta' sottokumitati li jivvjaġġaw sabiex jattendu konferenzi jew avvenimenti li jitrattaw kwistjoni ta' interess Ewropew fl-ambitu tar-responsabilità tal-kumitat jew is-sottokumitat tagħhom u li jkollhom dimensjoni parlamentari, għandu jkun EUR 4 517. Parteċipazzjoni bħal din għandha teħtieġ awtorizzazzjoni minn qabel mill-President tal-Parlament, wara li ssir verifika li jkunu disponibbli l-appropriazzjonijiet sal-ammont massimu indikat hawn fuq.”;

(3) Fl-Artikolu 24, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Jekk l-attività uffiċjali ssir fit-territorju tal-Unjoni, Membru għandu jirċievi allowance ta' EUR 324 li tingħata f'daqqa u ta' darba.”;

(4) Fl-Artikolu 26, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. L-ammont tal-allowance ta' kull xahar skont l-Artikolu 25 għandu jkun EUR 4 576.”;

(5) Fl-Artikolu 33, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. L-ammont massimu kull xahar li jista' jitħallas fir-rigward tal-istaff personali msemmi fl-Artikolu 34 għandu jkun EUR 25 620 b'effett mill-1 ta' Lulju 2020.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 1(5), li għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2020.

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Rata tal-kambju tal-euro ⁽¹⁾

Il-21 ta' Diċembru 2020

(2020/C 444/02)

1 euro =

Munita	Rata tal-kambju	Munita	Rata tal-kambju		
USD	Dollaru Amerikan	1,2173	CAD	Dollaru Kanadiż	1,5686
JPY	Yen Ġappuniż	126,04	HKD	Dollaru ta' Hong Kong	9,4378
DKK	Krona Daniża	7,4401	NZD	Dollaru tan-New Zealand	1,7306
GBP	Lira Sterlina	0,91610	SGD	Dollaru tas-Singapor	1,6286
SEK	Krona Żvediża	10,1313	KRW	Won tal-Korea t'Isfel	1 350,52
CHF	Frank Żvizzeru	1,0810	ZAR	Rand ta' l-Afrika t'Isfel	18,0849
ISK	Krona Iżlandiża	156,60	CNY	Yuan ren-min-bi Ċiniż	7,9784
NOK	Krona Norveġiża	10,6518	HRK	Kuna Kroata	7,5375
BGN	Lev Bulgaru	1,9558	IDR	Rupiah Indoneżjan	17 351,52
CZK	Krona Ċeka	26,275	MYR	Ringgit Malażjan	4,9313
HUF	Forint Ungeriż	360,93	PHP	Peso Filippin	58,833
PLN	Zloty Pollakk	4,5111	RUB	Rouble Russu	91,7285
RON	Leu Rumun	4,8603	THB	Baht Tajlandiż	36,653
TRY	Lira Turka	9,3519	BRL	Real Brażiljan	6,3144
AUD	Dollaru Awstraljan	1,6200	MXN	Peso Messikan	24,8514
			INR	Rupi Indjan	90,1338

(¹) Sors: rata tal-kambju ta' referenza ppubblikata mill-Bank Ċentrali Ewropew.

Sommarju tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għall-użu u/jew għall-użu tas-sustanzi elenkati fl-Anness XIV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH)

(ippubblikat skont l-Artikolu 64(9) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 ⁽¹⁾)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 444/03)

Deċiżjoni li tagħti awtorizzazzjoni

Referenza tad-Deċiżjoni ⁽¹⁾	Data tad-Deċiżjoni	Isem is-sustanza	Detentur tal-awtorizzazzjoni	Numru tal-awtorizzazzjoni	Użu awtorizzat	Data ta' skadenza tal-perjodu ta' rieżami	Raġunijiet għad-Deċiżjoni
C(2020)8798	15 ta' Diċembru 2020	Trijossidu tal-kromu Nru KE 215-607-8, Nru CAS 1333-82-0	Cromomed S.A., Polígono Ingruinsa C/ Forjas 66 A, 46520 Puerto Sagunto, Valencia, Spanja; Cronor S.A., Peña Redonda, Parcela R-15 – Polígono de Silvota, 33192 Llanera, Asturias, Spanja; Cromo Europa S.A., Andrés Larrazabal s/n, 48970 Basauri, Bizkaia, Spanja; Chromatlantique Industriel S.A., ZA des Rosais, 35550 Sixt sur Aff, Franza; Vila Electroquímica S. A., Viérnoles 32, 39315 Torrelavega, Cantabria, Spanja	REACH/20/19/0 REACH/20/19/1 REACH/20/19/2 REACH/20/19/3 REACH/20/19/4	Użu fil-kisi funzjonali bil-kromu fejn kwalunkwe waħda mill-funzjonalitajiet jew proprjetajiet ewlenin li għejjin hija meħtieġa għall-użu mah-sub: ir-reżistenza għall-użu, l-ebusija, il-ħxuna tas-saff, ir-reżistenza għall-korrużjoni, il-koefiċjent tal-frizzjoni u l-effett fuq il-morfoloġija tas-superfiċe	Il-21 ta' Settembru 2024	F'konformità mal-Artikolu 60 (4) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, il-benefiċċji soċjoekonomiċi huma akbar mir-riskju għas-saħħa tal-bniedem mill-użi tas-sustanza u ma hemm l-ebda sustanza jew teknoloġija alternattiva adattata.

⁽¹⁾ Id-deċiżjoni hija disponibbli fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea: https://ec.europa.eu/growth/sectors/chemicals/reach/about_mt

⁽¹⁾ ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1

Wiċċ nazżjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 444/04)



Wiċċ nazżjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mil-Lussemburgu

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' 2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' 2 euro, iżda l-wiċċ nazżjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazżjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Lussemburgu

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-100 sena mit-twelid tal-Gran Duka Jean

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri fuq in-naħa tax-xellug ix-xbieha tal-Gran Duka Jean u fuq in-naħa tal-lemin ix-xbieha tal-Gran Duka Henri. Qrib kull xbieha, l-isem tal-Gran Duka rispettiv huwa speċifikat, kif ukoll is-sena tat-twelid "1921" tal-Gran Duka Jean. Taħt ix-xbieha hija rrappreżentata l-belt tal-Lussemburgu. Fuq ix-xellug, it-test "GROUSSHERZOG VU LËTZEBUERG" bl-indikazzjoni wkoll tal-pajjiż emittenti li tintwera f'forma ċirkolari. Id-data tas-sena "2021" tidher fin-naħa ta' isfel fuq il-lemin.

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-12-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 500 000

Data tal-ħruġ: Jannar 2021

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazżjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazżjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

Wiċċ nazzjonali ġdid ta' muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni

(2020/C 444/05)



Wiċċ nazzjonali tal-munita kommemorattiva l-ġdida taż-EUR 2, maħsuba biex titqiegħed fiċ-ċirkolazzjoni u maħruġa mill-Portugall

Il-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni għandhom status ta' valuta legali fiż-żona tal-euro. Biex tinforma lill-pubbliku u lill-partijiet kollha li jużaw il-muniti, il-Kummissjoni tippubblika deskrizzjoni tad-disinji tal-muniti l-ġodda kollha ⁽¹⁾. F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2009 ⁽²⁾, l-Istati Membri taż-żona tal-euro u l-pajjiżi li kkonkludew ftehim monetarju mal-Unjoni Ewropea li jipprevedi l-ħruġ ta' muniti tal-euro huma awtorizzati li joħorġu muniti kommemorattivi tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni kemm-il darba jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet, b'mod partikolari li jintużaw muniti ta' 2 euro biss. Dawn il-muniti għandhom l-istess karatteristiċi tekniċi bħall-muniti l-oħra ta' 2 euro, iżda l-wiċċ nazzjonali tagħhom ikun fih disinn kommemorattiv li jkun tassew simboliku f'termini nazzjonali jew Ewropej.

Il-pajjiż tal-ħruġ: Il-Portugall

Suġġett tal-kommemorazzjoni: Il-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Deskrizzjoni tad-disinn: Id-disinn juri rappreżentazzjoni tar-rabta bejn il-kapital tal-Portugall u l-kapitali Ewropej l-oħra u b'hekk hemm impinġija mappa fi ħdan l-ittri "PRESIDÊNCIA DO CONSELHO DA UNIÃO EUROPEIA PORTUGAL 2021" (bil-Malti – IL-PRESIDENZA TAL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA IL-PORTUGALL 2021)

Iċ-ċirku ta' barra tal-munita juri t-1 2-il stilla tal-bandiera Ewropea.

Għadd ta' muniti li huwa stmat li se jinħarġu: 510 000

Data tal-ħruġ: Jannar 2021

⁽¹⁾ Ara l-ĠU C 373, 28.12.2001, p. 1 għall-uċuħ nazzjonali tal-muniti kollha li nħarġu fl-2002.

⁽²⁾ Ara l-konklużjonijiet tal-Kunsill Affarjiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-10 ta' Frar 2009 u r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Diċembru 2008 dwar linji-gwida komuni għall-uċuħ nazzjonali u l-ħruġ ta' muniti tal-ewro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (ĠU L 9, 14.1.2009, p. 52).

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)